



2017/2023(INI)

28.6.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar talbiet ta' restituzzjoni transfruntieri ta' opri tal-arti u beni kulturali
sakkeġġati waqt kunflitti armati u gwerer
(2017/2023(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Nikolaos Chountis

(*) Kumitat Assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-edukazzjoni trawwem ir-rispett u l-apprezzament ta' xogħlijiet tal-arti u beni kulturali oħra bħala simboli tal-wirt u l-identità kulturali, u li għalhekk għandha rwol importanti fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment tas-sakkeġġ u n-negozju illeċitu ta' beni kulturali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu u jappoġġaw attivitajiet edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni f'dan ir-rigward, inkluż f'kuntesti mhux formali u informali;
2. Jenfasizza li n-natura transfruntiera tal-parti l-kbira mit-talbiet għar-restituzzjoni teħtieġ approċċ transfruntier ċar u koerenti li jkun jista' jegħleb id-diffikultajiet eżistenti u jiffaċilita l-kisba ta' soluzzjonijiet ġusti; jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi l-istabbiliment ta' korp konsultattiv fil-livell tal-Unjoni biex jassisti lill-Istati Membri u atturi oħra fl-isforzi tagħhom biex jillocalizzaw u jidentifikaw opri tal-arti u beni kulturali oħra sakkegġati u jħaffu r-restituzzjoni lill-proprjetarji leġittimi tagħhom;
3. Jenfasizza li s-sakkeġġ ta' opri tal-arti u beni kulturali oħra waqt kunflitti armati u gwerer, kif ukoll fi żminijiet ta' paċi, huwa kwistjoni ewlenija komuni ta' tħassib li jeħtieġ li tiġi indirizzata kemm f'termini ta' prevenzjoni u ta' restituzzjoni ta' proprjeta kulturali sakkeġġata, sabiex tiġi protetta u żgurata l-integrità tal-wirt u l-identità kulturali tas-soċjetajiet, tal-komunitajiet, tal-gruppi u tal-individwi;
4. Jenfasizza li hemm hteġġa urġenti li jiġi promoss attivament l-użu sistematiku tar-riċerka ta' kwalità għolja u indipendenti dwar il-provenjenza sabiex jiġu identifikati opri tal-arti sakkegġati, sabiex tiġi faċilitata r-restituzzjoni tagħhom lill-proprjetarji leġittimi tagħhom, biex jinkiseb suq tal-arti kompletament trasparenti, responsabbli u etiku, u għall-prevenzjoni u l-iskoraġġiment b'mod effettiv tas-sakkeġġ u t-traffikar ta' opri tal-arti u beni kulturali waqt kunflitti armati u gwerer; jinnota l-possibilitajiet offruti mill-istrumenti finanzjarji Ewropej f'din id-direzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu u jappoġġaw programmi ta' taħriġ speċjali dwar ir-riċerka dwar il-provenjenza fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali, sabiex jgħinu b'mod partikolari lil dawk involuti fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tal-beni kulturali jiżviluppaw u jtejbu l-għarfien espert tagħhom, inkluż permezz ta' proġetti tranfruntieri;
5. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali tat-13 ta' Lulju 2017; fid-dawl tal-ambitu globali tas-suq tal-arti u l-għadd ta' oġġetti f'idejn il-privat, jenfasizza l-hteġġa għal aktar sforzi rigward ir-restituzzjoni transfruntiera ta' opri tal-arti u beni kulturali sakkegġati f'kunflitti armati u gwerer; jenfasizza li r-riċerka dwar il-provenjenza u l-kooperazzjoni Ewropea taw prova tal-fatt li huma utli għall-identifikazzjoni ta' oġġetti sakkegġati u biex sussegwentement dawn jiġu restitwiti, u f'xi każijiet biex saret prevenzjoni tal-finanzjament ta' gruppi terroristiċi jew ta' gwerer;
6. Huwa konxju li r-riċerka dwar il-provenjenza hija marbuta mill-qrib mal-obbligu ta' diliġenza dovuta applikabbli meta jiġu akkwistati opri tal-arti, u li din tikkostitwixxi

tħassib kbir għall-atturi kollha fis-suq tal-arti billi l-akkwist, intenzjonali jew b'negliġenza, ta' opri tal-arti misruqa huwa punibbli taħt ċerti liġijiet nazzjonali;

7. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni xierqa biex iwaqqfu l-kummerċ illegali ta' beni kulturali mit-territorji ta' stati fi gwerra bħas-Sirja u l-Iraq, biex b'hekk jipprevjenu li l-beni kulturali jintużaw bħala sors ta' finanzjament tat-terroriżmu;
8. Jiddispjaċih li minħabba l-assenza ta' regoli u l-laxkezza jew id-differenzi fir-regoli fost l-Istati Membri rigward ir-riċerka dwar il-provenjenza u d-diliġenza dovuta, bosta talbiet għar-restituzzjoni transfruntieri ma jistgħux jitwettqu b'mod effettiv u kkoordinat, u dan jista', bħala riżultat, irawwem is-sakkeġġ u t-traffikar u jservi ta' inċentiv għall-kuntrabandu; bħala riżultat tan-nuqqas ta' standards komuni, il-proċedura applikabbli ta' sikwit tibqa' mhux ċara għall-partijiet kollha kkonċernati, inklużi l-mużewijiet, in-negozjanti ta' opri tal-arti, il-kollezzjonisti, it-turisti u l-vjaġġaturi; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni tarmonizza r-regoli dwar ir-riċerka dwar il-provenjenza u tinkorpora uħud mill-prinċipji bażiċi tal-Konvenzjoni UNIDROIT tal-1995 dwar beni kulturali misruqa jew esportati illegalment;
9. Jinnota li ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku rigward opri tal-arti u beni kulturali sakkegġati waqt it-Tieni Gwerra Dinjija u iktar reċentement iż-żieda qawwija fis-sakkeġġ ta' opri tal-arti u beni kulturali waqt il-kunflitti fl-Iraq u fis-Sirja, flimkien mal-importanza tar-riċerka dwar il-provenjenza, wasslu għall-iżvilupp ta' riżorsi utli biex jiġu stabbiliti l-proprjetarji suċċessivi ta' opra tal-arti; japprezza l-inizjattivi meħuda minn mużewijiet u minn istituzzjonijiet pubbliċi u privati oħra bl-għan li jiġu żviluppati għodod li jiffaċilitaw ir-riċerka dwar il-provenjenza; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproċedi għal elenku dettaljat tad-databases eżistenti u biex tipprevedi l-ħolqien ta' meta-database ċentrali li tiegħu kont tal-informazzjoni disponibbli, li tiġi aġġornata regolarment u li tkun aċċessibbli għall-atturi rilevanti kollha;
10. Iqis li, abbażi ta' din il-meta-database ċentrali, għandha tiġi stabbilita sistema komuni ta' kkatalogar li tista' tuża IDs standardizzati tal-oġġetti; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni tħeġġeġ l-introduzzjoni ta' IDs tal-oġġetti żviluppati u promossi mill-ICOM u organizzazzjonijiet oħra bħala l-istandard tas-suq fi ħdan is-suq intern kollu kemm hu;
11. Iqis li sabiex tkun tista' ssir riċerka xierqa dwar il-provenjenza, huwa meħtieġ li jiġi introdott rekord ta' dokumenti jew reġistru tat-tranżazzjonijiet li jkun dettaljat kemm jista' jkun; jitlob lill-Kummissjoni tappoġġa attivament it-tfassil ta' linji gwida komuni dwar tali reġistri u tadotta miżuri xierqa sabiex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jintroduċu obbligu ġenerali għall-professjonisti tas-suq tal-arti biex iżommu tali reġistru tat-tranżazzjonijiet, u, b'mod aktar ġenerali, jaderixxu mal-Konvenzjoni UNIDROIT tal-1995 dwar beni kulturali misruqa jew esportati illegalment;
12. Iqis li sabiex ikun hemm sett ta' regoli għall-prevenzjoni effettiva tas-sakkeġġ u l-kuntrabandu ta' opri tal-arti u beni kulturali, u biex jinkiseb suq tal-arti globali kompletament trasparenti, responsabbli u etiku, il-Kummissjoni għandha tfittex li tikkoopera ma' pajjiżi terzi bil-ħsieb li jiġu stabbiliti sħubiji siewja, filwaqt li jittieħed kont, għal dan il-għan, tal-prinċipji stabbiliti fil-Konvenzjoni UNIDROIT tal-1995 dwar beni kulturali misruqa jew esportati illegalment;
13. Jitlob lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jaqsmu bejniethom informazzjoni dwar Prattiki eżistenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-verifika tal-

provenjenza ta' beni kulturali u biex jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom bil-ħsieb li jiġu armonizzati l-miżuri ta' kontroll u l-proċeduri amministrattivi li għandhom l-għan li jiddeterminaw il-provenjenza tal-beni kulturali;

14. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi u tappoġġa finanzjarjament attivitajiet ta' riċerka dwar il-provenjenza fl-Unjoni kollha; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni torganizza forum ta' diskussjoni sabiex jiġu skambjati l-aħjar prattiki u jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet għall-preżent u għall-futur;
15. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta miżuri li għandhom l-għan li jagħmlu s-suq tal-arti kif ukoll ix-xerrejja potenzjali ta' artefatti konxji mill-importanza tar-riċerka dwar il-provenjenza, meta jitqies li tali riċerka hija marbuta mal-obbligu ta' diliġenza dovuta;
16. Jappoġġa l-idea li l-proċeduri għar-restituzzjoni transfruntiera ta' opri tal-arti u beni kulturali sakkegġati f'kunflitti armati u gwerer, u l-promozzjoni attiva tar-riċerka dwar il-provenjenza, għandhom jiġu indirizzati fil-kuntest tal-inizjattiva tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u l-grupp ta' ħidma li waqqfet biex jinkludu dan is-suġġett fil-pjan ta' ħidma tagħhom li jiddeskrivi l-attivitajiet tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	23.1.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 24 - : 3 0 : 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Nikolaos Chountis, Silvia Costa, Mircea Diaconu, Damian Drăghici, Angel Dzhambazki, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Petra Kammerevert, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Rupert Matthews, Stefano Maullu, Luigi Morgano, John Procter, Michaela Šojdrová, Yana Toom, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Krystyna Łybacka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Algirdas Saudargas